**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 396/08VG**

**Kevin Charles Micallef**

**Vs**

**Miriam Dalli qua Kap ta' l-Aħbarijiet ta' One News u One Productions Ltd.**

**Illum 21 ta' Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Kevin Charles Micallef fl-1 ta' Diċembru 2008 permezz ta' liema jitlob li Miriam Dalli qua Kap ta' l-Aħbarijiet ta' One News u s-soċjetà One Productions Limited, jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsuh dik is-somma li tiġi stabbilita mill-Qorti u li ma tkunx teċċedi l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija sitta u erbgħin Euro (€11,646) u dana wara li fil-bullettin ta' l-aħbarijiet tas-sebgħa u nofs ta' fil-għaxija (7:30p.m.) imxandar nhar is-26 ta' Marzu 2008, huma għamlu imputazzjonijiet u addebiti fil-konfront tiegħu li huma għal kollox libellużi u dan peress li huma malafamanti w intiżi li jtellfu jew inaqqsu mir-reputazzjoni tiegħu, u dan ai termini ta' dak li tipprovdi l-Liġi ta' l-Istampa, Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-imgħax legali mid-data tar-Rikors promotur sad-data ta' l-effettiv pagament, u bl-ispejjeż kontra Miriam Dalli qua Kap ta' l-Aħbarijiet ta' One News u s-soċjetà One Productions Limited, b'riserva għal kull azzjoni oħra li l-attur jista' għandu fil-konfront tagħhom taħt il-Liġijiet ordinarji;

Rat ir-Risposta tal-konvenuti permezz ta' liema jeċċepixxu: (i) illi fl-ewwel lok is-soċjetà konvenuta One Productions Limited mhijiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċerduri u l-azzjoni setgħet titmexxa biss kontra l-awtur u l-editur tal-pubblikazzjoni sakemm dawn huma magħrufa. Għalhekk is-soċjetà One Productions Limited għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) f'kull każ u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluża fil-konfront tiegħu; (iii) jirriżulta li bi żvista issemma' l-attur flimkien mal-mara konvenuta miegħu bħala li ġew kundannati jħallsu danni minħabba inadempjenza kontrattwali. Dan l-iżball sar għal kollox in buona fede u għalhekk ma jissusistix l-element ta' l-animus injurjandi; (iv) is-servizz jikkonsisti f'rappurtaġġ

ġurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku aċċettabbli f'soċjetà demokratika, kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-attur kellu, kif ġie offert, rimedju li ssir il-kjarifika opportuna biex jiġu ċċarati ineżattezzi li setgħu jolqtu lilu. Dan ir-rimedju kien adegwat u suffiċjenti u fiċ-ċirkostanzi indikat, mingħajr bżonn ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-istampa;

Semgħet ix-xhieda ta' l-attur mogħtija waqt is-seduti tas-6 ta' Mejju 2009[1], ta' l-24 ta' Jannar 2011[2], tas-7 ta' Novembru 2011[3] u tat-3 ta' Ġunju 2013[4] u rat l-affidavit ta' Joanne Mifsud Micallef esebit mill-attur a fol. 30 u 31 tal-proċess, rat id-dokumenti markati Dok. "CZ1" sa' Dok. "CZ6" esebiti mill-attur permezz ta' Nota ppreżentata fl-4 ta' April 2011 a fol. 34 sa' 49 tal-proċess u rat it-traskrizzjoni ta' l-aħbar mertu ta' dawn il-proċeduri magħmula mill-Avukat Dottor Charmaine Galea esebita mill-attur permezz ta' Nota ppreżentata fit-23 ta' Frar 2012 a fol. 56 sa' 58 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsuh somma li tiġi stabbilita mill-Qorti u li ma tkunx teċċedi l-ammont ta' €11,646, bħala danni wara li fil-bullettin ta' l-aħbarijiet tas-7:30p.m. imxandar nhar is-26 ta' Marzu 2008, il-konvenuti għamlu imputazzjonijiet u addebiti fil-konfront tiegħu li huma għal kollox libellużi u dan peress li huma malafamanti w intiżi li jtellfu jew inaqqsu mir-reputazzjoni tiegħu.

Il-konvenuti jilqagħu ghat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) illi fl-ewwel lok is-soċjetà konvenuta One Productions Limited mhijiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċerduri u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-azzjoni setgħet titmexxa biss kontra l-awtur u l-editur tal-pubblikazzjoni sakemm dawn huma magħrufa; (ii) f'kull każ u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluża fil-konfront tiegħu; (iii) jirriżulta li bi żvista issemma' l-attur flimkien mal-mara konvenuta miegħu bħala li ġew ikkundannati jħallsu danni minħabba inadempjenza kontrattwali. Dan l-iżball sar għal kollox in buona fede u għalhekk ma jissusistix l-element ta' l-animus injurjandi; (iv) is-servizz jikkonsisti f'rappurtaġġ ġurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku aċċettabbli f'soċjetà demokratika, kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. L-attur kellu, kif ġie offert, rimedju li ssir il-kjarifika opportuna biex jiġu ċċarati ineżattezzi li setgħu jolqtu lilu. Dan ir-rimedju kien adegwat u suffiċjenti u fiċ-ċirkostanzi indikat, mingħajr bżonn ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-istampa.

---

[1] Fol. 12 sa' 14 tal-proċess.
[2] Fol. 32 tal-proċess.
[3] Fol. 52 tal-proċess.
[4] Fol. 65 sa' 70 tal-proċess.

Qabel ma tittratta l-azzjoni attriċi fil-mertu, il-Qorti ser tittratta l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u cioè li s-soċjetà konvenuta One Productions Limited ma hijiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li l-azzjoni setgħet titmexxa biss kontra l-awtur u l-editur tal-pubblikazzjoni, sakemm dawn ikunu magħrufa, u għaldaqstant l-imsemmija soċjetà għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

F'dan l-istadju u għal kull buon fini l-Qorti tirrileva li għalkemm l-Att dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie revokat bis-saħħa ta' l-Att XI ta' l-2018, a tenur ta' l-Artikolu 33 ta' l-imsemmi Att XI ta' l-2018 id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Istampa għadhom japplikaw għall-każ in eżami.

L-Artikolu 23 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li: *l-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin: (a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk; (b) l-editur; jew jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, (ċ) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.* Il-mod kif dan il-provvediment tal-Liġi għandu jiġi interpretat ġie speċifikat fis-sentenza fl-ismijiet **Onor. Dr. Gavin Gulia v. David Agius et, Ċitaz. Nru. 1286/00** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Settembru 2002, fejn il-Qorti appuntu osservat illi: *kull att li bih stampat jiġi jew jista; jiġi mxandar jew komunikat jaqa' taħt l-egħmejjel li jistgħu jitqiesu mill-Att dwar l-Istampa bħala 'pubblikazzjoni'. Illi persuna li tkun kitbet jew xandret 'pubblikazzjoni' tinkludi wkoll korp ta' persuni, kemm jekk tħaddan personalità ġuridika jew le. L-azzjoni ċivili li titnissel minn xi allegat ksur ta' l-istess Liġi, tista' tittieħed kontra l-awtur tal-kitba u l-editur tal-gazzetta fl-ewwel lok. Huwa fin-nuqqas biss ta' għarfien dwar l-identità ta' dawn it-tnejn jew ta' xi ħadd minnhom li l-liġi tagħti jedd ta' azzjoni kontra r-responsabbli għall-pubblikazzjoni.*

Fil-każ in eżami l-attur ħarrek lill-konvenuta Miriam Dalli *qua* Kap ta' l-Aħbarijiet ta' "One News" u ħarrek ukoll lis-soċjetà konvenuta One Productions Limited, mingħajr però ma kkwalifika l-kapaċità li fiha ġiet mħarrka. Mill-provi prodotti mill-attur u senjatament miċ-Ċerifikat maħruġ minn Martin Bugelli datat 8 ta' Frar 2011 esebit a fol. 36 tal-proċess, li a tenur ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, fih innifsu u salv prova kuntrarja jikkostitwixxi prova tal-kontenut tiegħu, jirriżulta li fis-26 ta' Marzu 2008 l-imsemmija konvenuta Miriam Dalli kienet l-Editur reġistrat ta' l-istazzjoni tat-televiżjoni One. L-ebda prova però ma tressqet fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, wisq inqas dwar il-kapaċità li fiha hija qed tiġi mħarrka.

Di fatti l-attur ma ressaqx prova jekk is-soċjetà konvenuta kienetx jew l-awtriċi ta' l-aħbar imxandra waqt il-bullettin ta' l-aħbarijiet ta' One News tas-7:30p.m. tas-26 ta' Marzu 2008 jew jekk kienetx il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni tax-xandira mertu ta' dawn il-proċeduri, liema persuna, a tenur ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, hija *sid ta' impriża għall-pubblikazzjoni ta' gazzetta jew li jkollha liċenza għax-xandir u tinkludi kull persuna li jkollha faċilitajiet għall-produzzjoni jew riproduzzjoni ta' kull stampat.* Filwaqt li huwa improbabbli li s-soċjetà konvenuta kienet l-awtriċi ta' l-aħbar in kwistjoni, għalkemm l-attur seta' faċilment jottjeni prova dwar jekk l-imsemmija soċjetà kenitx il-persuna

responsabbli għall-pubblikazzjoni tax-xandira in kwistjoni - u dana bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta - din il-prova ma ġabhiex. Fid-dawl tad-disposizzjoni tassattiva fl-Artikolu 23 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta dwar min hu l-leġittimu kontradittur fi proċeduri ta' libell a tenur ta' l-Artikolu 28 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, fin-nuqqas ta' prova dwar il-posizzjoni non che involviment tas-soċjetà konvenuta fil-kwistjoni hawn trattata, ma tistax għajr li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u b'hekk tillibera lill-imsemmija soċjetà mill-osservanza tal-ġudizzju.

Trattata din il-kwistjoni jeħtieġ issa li tiġi trattata t-talba attriċi fid-dawl tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati fil-konfront ta' l-istess.

Għall-affermazzjoni ta' l-attur li l-aħbar imxandra waqt il-bullettin ta' l-aħbarijiet tas-7:30p.m. tas-26 ta' Marzu 2008 saru imputazzjonijiet u addebiti fil-konfront tiegħu li kienu għalkollox libellużi u malafamanti, intiżi li jtellfu jew inaqqsu mir-reputazzjoni tiegħu, ġie eċċepit illi l-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluża fil-konfront tiegħu, illi bi żvista huwa ssemma mal-mara konvenuta miegħu bħala li ġew ikkundannati jħasslu danni minħabba inadempjenza kontrattwali, liema żball sar in buona fede u b'hekk ma jissussistix l-element ta' *animus injurjandi*, u li fi kwalunkwe każ s-servizz jikkonsisti f'rappurtaġġ ġurnalistiku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku aċċettabbli f'soċjetà demokratika, kemm taħt il-Liġi ta' l-Istampa kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem u in oltre l-attur kellu, kif ġie offert, rimedju li ssir il-kjarifika opportuna biex jiġu ċċarati ineżattezzi li setgħu jolqtu lilu, liema rimedju kien adegwat u suffiċjenti u fiċ-ċirkostanzi indikat, mingħajr bżonn ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-istampa.

Fl-aħbar kontestata mill-attur f'dawn il-proċeduri ngħad illi *mmorru issa għall-aħbarijiet mill-Qorti. Każ pjuttost stramb. Il-Qorti mmultat raġel u mara tlett mitt lira bejniethom wara li kisru kuntratt li kien jgħid li l-qattusa illi xtraw ma setgħax ikollha friegħ. Kif irriżulta fil-Qorti l-akkużati iffalsifikaw iċ-ċertifikati tal-'pedigree' tal-qattusa tat-tip 'persian' biex ikun jidher li din jista' jkollha l-friegħ. Il-ftehim kontrattwali bejn il-bejjiegħ Nadine Cassar u x-xerrejja Kevin Micallef u Joanne Mifsud Micallef kien jimplika li jekk din il-kundizzjoni tinkiser, ikollha titħallas multa ta' tlett mitt lira. Jirriżulta li l-eks sid tal-qattusa tar-razza 'persian' wara li nbiegħet il-qattusa saret taf illi din il-qattusa kellha l-friegħ u lmentat quddiem it-tribunal għat-talbiet zgħar. Sentenza bil-ġudikatura ta' Dr. Joseph Refalo ngħata raġun lill-eks sid tal-qattusa bix-xerrejja ordnati jħallsu l-multa. Issa li l-proċeduri fil-Qrati Ċivili spiċċaw u ngħata raġun lis-sid, din ta' l-aħħar mistennija tfittex kumpens quddiem il-Qrati Kriminali*[5].

Mill-kontro-eżami[6] ta' l-attur jirriżulta li għalkemm skontu ħafna milli ntqal fl-aħbar mhuwiex minnu, per eżempju l-fatt li l-qattus ġiet mgħammra, l-iktar ħaġa li dejqitu kien il-fatt li *implikaw il-kwistjoni tal-kelma "falsifikazzjoni" li mhix vera xejn jiġifieri implikaw b'tali mod li kien hemm falsifikazzjoni li din ma kienet minnha assolutament xejn*.

[5] Traskrizzjoni ta' l-aħbar magħmula mill-Avukat Dottor Charmaine Galea, fol. 47 tal-proċess.
[6] Vide kontro-eżami waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2013, fol. 65 sa' 70 tal-proċess.

Huwa prinċipju assodat in materja li *huwa paċifikament riċevut illi d-divulgazzjoni ta' fatti allegatament leżivi tar-reputazzjoni tal-persuna li tħossha diffamata tista' titqies eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' ripurtaġġ jew espressjoni ta' opinjoni jekk, u apparti l-korrettezza ta' l-esposizzjoni, tissodisfa l-kondizzjoni tal-verità oġġettiva tal-fatti esposti. Dan, s'intendi dejjem, jekk dawn l-istess fatti jkunu r-riżultat ta' riċerka serja u diliġenti. Ifisser allura illi fejn jiġi stabbilit illi l-fatt attribwit kien inkomplet jew addirittura inveritier dan jagħti lok għal leżjoni tar-reputazzjoni personali. Una volta, imbagħad, tiġi provata l-leżjoni, id-dannu jitqies "in re ipsa"*[7].

Mis-sentenza pronunċjata mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar fis-7 ta' April 2006 fil-kawża fl-ismijiet "Nadine Cachia v. Joanne Mifsud u Kevin Charles Micallef" Talba Nru. 1380/03, esebita a fol. 37 sa' 41 tal-proċess, jirriżulta li t-Tribunal illibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil Kevin Charles Micallef, attur fil-proċeduri odjerni, u ikkundanna lil Joanne Mifsud tħallas lil Nadine Cachia s-somma ta' €300 bl-ispejjeż kontra tagħha, ad eċċezzjoni ta' l-ispejjeż relattivi għal Kevin Charles Micallef li kellhom jitħallsu minn Nadine Cachia. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu a bażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet: *il-każ qed isir għal ħlas ta' 'breeding rights' fuq il-qattusa 'Shulamyth's American Beauty' ta' razza Persjana, u l-pedigree kien jappartjeni lill-attriċi. Jirriżulta illi skond l-iskrittura datata 9 ta' Jannar, 2002, ... il-qattusa inbiegħet lill-konvenuta Mifsud bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija fosthom: "... with no breeding rights. I understand that if I violate this agreement and breed the kitten/cat, I will have to pay the remaining amount for a cat with breeding rights, that is the sum of 300 Maltese liri". Il-qattusa in kwistjoni kienet ta' kulur Calico, bi predominanza ta' "patches" suwed u kannella, u b'inverted V blaze fuq wiċċha, u b'daqna sewda. Skond l-attriċi l-ftehim kien li l-qattusa tiġi msewwija sa' ma tagħlaq tmien xhur. L-attriċi ndunat li kien hemm friegħ ta' l-imsemmija qattusa, meta marret fil-website tal-konvenut Micallef fejn kien hemm ir-ritratt ta' Cilicia. ... Għalhekk l-attriċi kkuntattjat lil Jonathan Attard, Registrar tal-Malta Feline Fanciers, u dan infurmaha li skond Micallef il-qattusa kienet inxtrat mill-Italja. Apparti minn dan Attard qalilha wkoll li skond id-dokument preżentat minn Micallef ma kienx hemm klawsola dwar "breeding rights". L-attriċi investigat ukoll dwar friegħ li kellu Micallef mill-qtates Monella Javier (shaded silver male) u Carabella Sharis (blue cream female) u dawn kellhom is-segwenti: cream male, cream and white male, silver tabby male, black smoke male, blue cream female. Meta hi indagat ulterjorment ma' Penelope Bydlinski esperta tal-ġenetika felina, din qalet: "you are perfectly correct, he cannot produce the colours he says from this mating". ... L-attriċi għamlet referenza għad-Dok. NC3 li hu ritratt fil-gazzetta The Times tas-7 ta' Lulju, 2002, fejn tidher il-qattusa in kwistjoni. M'hemmx dubbju li r-ritratti li l-attrici rat fl-internet Dok. NC2 huma pratikament identiċi. Il-konvenut Micallef jikkonferma li għandu fil-pussess tiegħu l-qattusa imsemmija fl-avviż, u kien xtraħa mingħand il-konvenuta Mifsud. Hu jgħid li sakemm kienet għandu din il-qattusa qatt ma kellha friegħ. Huwa esebixxa l-ftehim Dok. KM1 li jgħid li hu l-ftehim intier peress fid-Dok. A esebit kien hemm xi affarijiet neqsin, u senjatament il-fatt li l-attriiċi kellha obbligu li tirreġistra l-qattusa man-National Cat Society, Malta Cat Federation u FIFE. Il-konvenut jinsisti li Cilicia u American Beauty m'humiex l-istess qattusa. Hu jikkonferma li American Beauty*

[7] Etienne Bonello DuPuis noe v. Alfred Grixti, Appell Nru.778/01 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Diċmebru 2003.

*qatt ma ssewwiet. Issa jibda biex jingħad illi hawnhekk si tratta ta' każ ta' obbligu kontrattwali bejn il-partijiet. Dak li ftehmu bejniethom jorbot, u għalhekk l-artikoli dwar l-aċċessjoni fil-Kap.16 ma jistgħux japplikaw għal dan il-każ. Mill-provi prodotti t-Tribunal hu sodisfatt illi meta l-qattusa in kwistjoni marret għand Micallef id-drittijiet ta' tgħammir kienu jappartjenu lill-attriċi. Micallef kien ingħata l-qattusa mingħand it-tfajla tiegħu ta' dak iż-żmien, cioè il-konvenuta. It-Tribunal huwa konvint ukoll li Cilicia u American Beauty huma fil-fatt waħda u l-istess qattusa. Konsegwentement jirriżulta li l-qattusa meta kienet għand il-konvenut kellha fil-fatt friegħ, però ma jirriżultax li hu kien a konoxxenza tal-fatt li ma setgħax jagħmel dan. Apparti minn dan, ir-relazzjoni kontrattwali ta' l-attriċi kienet purament mal-konvenuta. Fiċ-ċirkostanzi qed jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut u jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju. In kwantu kienet responsabilità tal-konvenuta li tgħarraf lill-konvenut dwar il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u ma jirriżultax li dan ġie mgħarraf bihom kollha, u stante li r-relazzjoni kontrattwali kienet magħha, hija l-konvenuta li għandha tiġi ritenuta responsabbli għall-ħlas lill-attriċi.*

Minn din is-silta appena ċitata mis-sentenza fl-ismijiet Cachia v. Mifsud et, li hija appuntu s-sentenza li saret referenza għaliha fl-aħbar imxandra waqt il-bullettin ta' l-aħbarijiet tas-7:30p.m. tas-26 ta' Marzu 2008, jirriżulta bl-iktar mod ċar li l-attur, konvenut f'dawk il-proċeduri, ma nstabx responsabbli ta' inadempjenza kontrattwali u ma ġiex ikkundannat iħallas is-somma ta' €300, anzi ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Iktar importanti minn hekk, imkien fl-imsemmija sentenza ma ngħad jew ġie ikkunsidrat u/jew konkluż li l-attur, konvenut f'dawk il-proċeduri, kien iffalsifika ċertifikati tal-pedigree tal-qattusa mertu ta' dawk il-proċeduri, kif invece rrappurtat fl-aħbarijiet. Huwa bil-wisq evidenti għalhekk li fir-rappurtaġġ tad-deċiżjoni li ngħatat mit-Tribunal Għal Talbiet Zgħar ma ġietx riflessa l-verità oġġettiva tal-fatti u ma kienx hemm konsiderazzjoni serja u diliġenti tal-kontenut ta' dik is-sentenza, partikolarment ta' dak ikkunsidrat u deċiż fil-konfront tal-konvenut f'dawk il-proċeduri, l-attur fil-proċeduri odjerni.

Fir-rappurtaġġ in kwistjoni kjarament kien hemm fatti attribiwiti lill-attur li mhux talli ma kienux kompleti tali addirittura kienu għal kollox inveritieri u għaldaqstant, kuntrarjament għal dak eċċepit, tirriżulta leżjoni tar-reputazzjoni personali tiegħu.

Eċċezzjoni oħra li ngħatat għat-talba attriċi hija li *jirriżulta li bi żvista isemma' l-attur flimkien mal-mara konvenuta miegħu bħala li ġew kundannati jħallsu danni minħabba inadempjenza kontrattwali. Dan l-iżball sar għal kollox in buona fede u għalhekk ma jissussistix l-element ta' l-animu injurjandi.* Din l-aħħar eċċezzjoni però ma ġiet bl-ebda mod ippruvata mill-konvenuti, li lanqas biss xehedu f'dawn il-proċeduri, u għaldaqstant l-istess ma tistax tiġi milqugħa.

Qed jiġi eċċepit ukoll li l-attur *kellu, kif ġie offert, rimedju li ssir il-kjarifika opportuna biex jiġu ċċarati ineżatezzi li setgħu jolqtu lilu. Dan ir-rimedju kien adegwat u suffiċjenti u fiċ-ċirkostanzi indikat, mingħajr bżonn ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' l-istampa.* Hawn qed issir referenza ċara għall-apoloġija li konvenut fi proċeduri ta' libell jista' joffri lill-attur, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 28(2) tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *f'kull każ li għalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun għamel jew*

*offra li jagħmel apoloġija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni għad-danni jew, kemm jista' jkun malajr malli kellu l-opportunità f'każ li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jagħmel jew li joffri li jagħeml dik l-apoloġija*, u/jew għad-dritt ta' risposta stipulat fl-Artikolu 21 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *(1) Kull persuna li l-azzjonijiet jew l-intenzjonijiet tagħha jkunu ġew imfissra ħażin jew li tiġi esposta għal attakk fuq l-unur, id-dinjità jew ir-reputazzjoni tagħha jew għal indħil fil-ħajja privata tagħha permezz ta' jew f'gazzetta jew f'xi xandira jkollha* id-dritt *li titlob u li tiġi ppubblikata minnufih, mingħajr ħlas, fl-istess gazzetta jew fuq l-istess mezz ta' xandir, skond il-każ, dikjarazzjoni bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni. ... (3) Fil-każ ta' xandira, dikjarazzjoni skond is-subartikolu (1) għandha tiġi mxandra mhux iktar tard minn jumejn wara li tiġi riċevuta t-talba; din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mxandra b'mod u fil-ħin li tilħaq kemm jista' jkun l-istess semmiegħa u bl-istess prominenza, u l-ħin allokat għandu jkun ħin li jkun id-doppju tal-ħin tax-xandira jew ta' parti mix-xandira li dwarha jsir l-ilment iżda li ma jkunx Inqas minn disgħin sekonda u mhux izjed minn mija u tmenin sekonda.*

Apparte dak provdut fl-Artikolu 28(2) tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-apoloġija, fir-rigward ta' tali rimedji huwa ormai ġuridikament assodat illi: *f'sitwazzjoni simili indubbjament* [il-konvenut] *ma jistax jippretendi illi seta' jeżimi ruħu mir-responsabilità għall-malafama minnu kommessa billi jippretendi li l-attur seta' dejjem kiteb lill-editur tal-gazetta u jitlob li tiġi ppubbikata rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-liġi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissosstitwixxi jew jagħmel tajjeb għad-dritt li persuna malafamata kellha għar-riżarċiment tad-danni. Dan għaliex pajjiż demokratiku kien jixraqlu li jkollu stampa ħielsa imma stampa resonabbli li kienet obbligata wkoll, illi entro l-limiti stabbilit, topera fir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni tagħha bħala oġġett ta' kritika jew kumment*[8]. Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti għandha teżamina u tikkonsidra din l-eċċezzjoni mhux bħala forma ta' skużanti għal dak li ngħad fir-rigward ta' l-attur fl-aħbar imxandra waqt il-bullettin ta' l-aħbarijiet tas-7:30p.m. tas-26 ta' Marzu 2008, imma se mai biss għal dak li jirrigwarda d-danni li qual' volta jistgħu jiġu likwidati favur l-attur.

Mill-provi prodotti, li inverità kienu biss provi prodotti mill-attur in kwantu l-konvenuti la xehedu u lanqas ressqu provi in sostenn ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, ma jirriżultax li l-konvenuti jew min minnhom offrew lill-attur xi forma ta' rettifika għal dak imxandar waqt l-aħbarijiet in kwistjoni. Li jirriżulta huwa li għalkemm l-attur ikkomunika mar-redazzjoni ta' One News biex jikkjarifika l-posizzjoni tiegħu, huwa baqa' bla risposta mingħandhom u ma ġiet ippubblikata l-ebda rettifika skond l-informazzjoni mogħtija minnu.

Fir-rigward l-attur in risposta għall-mistoqsija in kontro-eżami *inti bgħatt xi stqarrija lil xi televiżjoni li qed tfittex illum biex tispjega l-posizzjoni tiegħek?* wieġeb *it-televiżjoni stess dakinhar li kienet ħarġet l-għada filgħodu kont ċempilt lil One Productions. ... Ċempilt lil One Productions u qabbduni ma' One News u kien hemm xi ħadd Robert u kellimni, spjegajtlu x'inhi s-sitwazzjoni, qal li ma jaf assolutament*

[8] Joseph R. Darmanin v. Gino Cauchi et, Appell Ċivili Nru. 298/02, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004.

*xejn biha u qalli li kien ser jiċċekkja. Hallejtlu n-numru tat-telefon tiegħi imma din il-persuna ma kkuntattjanix imbagħad aħna mexxejna through l-avukati tagħna.* Għall-mistoqsija *bgħatt xi stqarrija biex iġibielek l-istazzjon skond il-Liġi?* l-attur wieġeb *jiena ma nafx għax din il-kwistjoni ħallejtha f'idejn l-avukati tagħna.* Għall-mistoqsija ulterjuri *inti l-aktar importanti għalik kien li immedjatament tiċċara l-posizzjoni tiegħek?* l-attur wieġeb *iċċarajtha u tant hu veru li ċempilt mal-ewwel sabiex niċċara is-sitwazzjoni* u għall-mistoqsija ulterjuri *allura ma ħassejtx dak il-bżonn, għax il-liġi tagħtik dak id-dritt li ġġib stqarrija fejn tispjega l-posizzjoni tiegħek?* l-attur wieġeb *jiena ċempilt filgħodu kmieni, biex inkun eżatt ċempilt għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, ma kien għad hemm ħadd, erġajt ċempilt xi siegħa wara, reġa' ma kien hemm ħadd u imbagħad irrispondieni xi ħadd xi nofs siegħa jew tlett kwarti wara fejn kellimt lil ċertu persuna li kien jisimha Robert. Hu tani l-informazzjoni tiegħu u qalli li ma kien jaf xejn fuq din l-istorja u ried jiċċekkja għax kien għadu dieħel, ħallejtlu d-dettalji tiegħi u baqa' ma kkuntattjanix, imbagħad ovvjament ikkuntatjajna lill-avukat tagħna*[9]. Dak dikjarat mill-attur ma ġie bl-ebda mod kontradett u/jew imxejjen mill-konvenuti.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, fejn il-konvenuti ma offrewx apoloġija lill-attur u ma ħadux azzjoni rettifikatorja wara t-telefonata tiegħu, jirriżulta li anke l-aħħar eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti - li inverità issa tinteressa l-iktar lill-konvenuta Miriam Dalli - ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa.

Jifdal għalhekk li tiġi trattata l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni a favur l-attur.

Fir-rigward jiġi osservat li huwa ormai paċifikatament assodat illi *d-danni għandhom jiġu miżurati skond it-test tar-raġjonevolezza dipendenti fuq iċ-cirkostanzi kollha tal-każ konkret. "In judging reasonableness of the amount a reasonable proportion must exist between the sum awarded and the circumstances of the case". Fil-każ "Carmel Tonna et v. Felix Agius et" deċiża mill-Onor. Imħallef Joseph Said Pullicino, kienet irriteniet li kellha tinżamm sens ta' proporzjon in materja tal-likwidazzjoni tad-danni. Kienet il-fehma tagħha illi "l-azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaċi u ġusta, għandha tiġi adoperata b'ġudizzju u ċirkospezzjoni, tenut kont ta' l-inġurja, il-gravità tagħha, lejn min tkun diretta u lil min tkun maħsuba li tilħaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiġġenera*[10].

L-attur iddikjara li *jiena naħdem fil-qasam tal-food and beverages ta' lukanda partikolari f'ta' Sliema u wara dan l-aħbar il-manager kien sejjaħli biex nagħti spjegazzjoni ta' l-operat tiegħi. U peress illi l-mod kif ħarġet fuq il-mezzi tax-xandir jiena ġejt akkużat b'att kriminali naturalment il-managers tiegħi ħaduha bi kbir u jien se jkolli noqgħod nistenna l-kawża sabiex fl-aħħar nagħtihom id-dettalji kollha. ... jiena kelli programm ta' sagħtejn u nofs fuq stazzjon lokali u wara x-xandira ta' l-aħbar kelli żewġ sponsors illi għal xi raġuni rtiraw l-isponsorship tagħhom u dan il-programm kellu jaqa' għal siegħa u nofs. Kien ġimgħatejn wara li xxandar l-aħbar li dawn l-isponsors irtiraw l-isponsorship, però ma riedux jagħtuna raġuni għaliex. Barra x-xogħol tiegħi jiena nieħu ħsieb ukoll l-assoċjazzjoni li torganizza*

---

[9] Xhieda in kontro-eżami mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2013, fol. 65 sa' 70 tal-proċess,.
[10] Anthony DeGiovanni et noe v. Mark Lombardo et, Appell Ċivili Nru. 966/01 deċiża fl-24 ta' Novembru 2003.

*wirjiet erba' darbiet fis-sena. Fil-wirja li kien imiss, dik ta' Ottubru kien hemm sponsor partikolari li rtira l-isponsorship tiegħu xi xahar li wara li xxandret l-aħbar. Meta aħna avviċinajnieh jekk huwa kienx se jkompli bl-isponsorship tiegħu għall-wirja qalilna li le. Raġuni però ma taniex. Barra minn hekk kien hemm membri tal-kumitat ta' din l-assoċjazzjoni illi avviċinawni ukoll għal spjegazzjoni. Il-mara tiegħi hija għalliema wkoll naf li avviċinawha xi nies*[11].

Mistoqsi in kontro-eżami dwar il-konsegwenzi minnu sofferti b'kawża ta' l-aħbar mertu ta' dawn il-proċeduri u b'mod partikolari jekk miż-żmien li xxandret l-aħbar 'l hawn ittieħdux passi fil-konfront tiegħu da parte tas-superjuri tiegħu fuq ix-xogħol, l-attur iddikjara *kien bagħat għalija u s'issa għadu ma ġara xejn għaliex għadu kollox pendenti għaliex la ma jkunu qegħdin jistaqsuk xejn ikun kollox wieqaf minn naħa tagħhom.* Mistoqsi ulterjorment *inti għadek bin-negozju tal-qtates ukoll hux hekk?* l-attur wieġeb *iva* u għall-mistoqsija ulterjuri *u għadek tagħmel il-wirjiet ukoll hux hekk?* l-attur wieġeb *għadna wkoll.* Għall-mistoqsija *u għadek tagħmel programmi fuq it-televiżjoni wkoll?* huwa wieġeb *iva wkoll* u għall-mistoqsija *jiġifieri kollox bqajt tagħmel?* wieġeb *tqisx li għadna nagħmlu kollox imma dak iż-żmien aħna għedna li bdejna nbatu l-konsegwenzi.* In ri-eżami mistoqsi *Dr. Lia staqsiek li inti f'din l-istorja kollha ma ġejtx affettwat jew jekk ġejt affettwat ftit, spjega ftit x'ġara f'dak iż-żmien fil-programm li kellek għaddej?* l-attur wieġeb *dak iż-żmien kellna l-programmi għaddejjin fuq il-PBS u Education Channel, kien programm ta' siegħa u nofs u ċertu sponsors tagħna ddeċidew mingħajr ma tawna raġuni għalxiex li jibbekjaw lura mill-isponsorships tagħhom.* Mistoqsi min kienu dawn l-isponsors l-attur wieġeb *ma niftakarx dak iż-żmien minn kienu għax laħqu għaddew aktar minn ħames snin.* Rinfaċċjat in kontro-eżami bil-mistoqsija *żgur ma tiftakarx jew ma tridx tgħidilna jew ivvintajtha?* l-attur wieġeb *ma vvintajt assolutament xejn, qed ngħid li għaddew 'l fuq minn ħames snin u kien hemm żewġ sponsors partikolari minn tlettax-il wieħed li marru lura mill-kelma tagħhom u ovvjament aħna l-programm kellna nwaqqgħugh minn siegħa u nofs għal siegħa.* Mistoqsi mill-Qorti *allura ma tiftakarx min kienu dawn iż-żewġ sponsors?* u *jiġifieri għalkemm effettwawlek il-programm u din l-issue kienet daqshekk importanti ma tiftakarx min kienu?* l-attur baqa' jinsisti li ma jiftakarx u ġġustifika dan billi ddikjara li *minn dak iż-żmien 'l hawn qed ikollna average ta' qisu tlett programmi fil-ġimgħa*[12].

Fid-dawl ta' dak li rriżulta mill-provi ta' l-attur, senjatament mix-xhieda tiegħu li, oltre affidavit tal-mara tiegħu, tikkostitwixxi l-unika prova dwar ir-riperkussjonijiet fuqu in segwitu għall-aħbar kontestata b'dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis li bil-likwidazzjoni ta' danni fl-ammont ta' **€100** a favur l-attur tkun qed toħloq bilanċ bejn dak li ngħad fil-konfront tiegħu waqt il-bullettin ta' l-aħbarijiet tas-7:30p.m. tas-26 ta' Marzu 2008 u r-riperkussjonijiet fuqu in segwitu għal tali aħbar.

Għlakemm l-attur jgħid li wara li xxandret l-aħbar in kwistjoni hu mill-ewwel beda jbagħti l-effetti ta' l-istess, kemm fix-xogħol primarju tiegħu kif ukoll fil-kamp tal-promrammi u wirjiet tal-qtates, il-provi minnu prodotti ma humiex tali li juru riperkussjonijiet ta' l-entità minnu pretiża. In effetti għad illi huwa qal is-superjuri

[11] Xhieda in eżami mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju 2009, fol. 12 sa' 14 tal-proċess.
[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2013.

tiegħu dritt bagħtu għalih wara li xxandret l-aħbar in kwistjoni, irriżulta li fl-aħħar mill-aħħar ma ttieħdet l-ebda tip ta' azzjoni jew provvediment fil-konfront tiegħu. Għad illi saħaq ukoll fuq l-effett negattiv li din l-aħbar kellha fuq il-programmi li huwa kellu fuq it-television dwar il-qtates u anke fuq il-wirjiet tal-qtates imtella' minnu, stranament ma ftakarx min kienu dawk l-isponors li skontu kienu rtiraw l-isponsorship tagħhom xi żmien wara li xxandret din l-aħbar.

Peress illi mill-provi prodotti mill-attur irriżulta li fis-26 ta' Marzu 2008 l-Editur ta' One News kienet il-konvenuta Miriam Dalli[13], a tenur ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.248 tal-Liġijiet ta' Malta l-imsemmija konvenuta Miriam Dalli hija b'hekk passibbli għall-ħlas tad-danni hawn likwidati favur l-attur.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u filwaqt li tiddikjara li s-soċjetà konvenuta One Productions Limited ma hijiex leġittimu kontradittur ta' l-attur, tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;
2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-konvenuti u tilqa' t-talba attriċi kif dedotta fil-konfront tal-konvenuta Miriam Dalli; u għaldaqstant
3. Tiddikjara li fil-bullettin ta' l-aħbarijiet tas-7:30p.m. imxandar nhar is-26 ta' Marzu 2008, saru imputazzjonijiet u addebiti fil-konfront ta' l-attur li huma għal kollox libellużi u malafamanti w intiżi li jtellfu jew inaqqsu mir-reputazzjoni tiegħu;
4. Tillikwida d-danni dovuti lill-attur fl-ammont ta' €100; u konsegwentement
5. Tikkundanna lill-konvenuta Miriam Dalli tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' €100, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, ħlief għall-ispejjeż pertinenti għas-soċjetà One Productions Limited, huma a karigu tal-konvenuta Miriam Dalli filwaqt illi l-ispejjeż pertinenti għas-soċjetà One Productions Limited huma a karigu ta' l-attur.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[13] Ċerifikat maħruġ minn Martin Bugelli datat 8 ta' Frar 2011, fol. 36 tal-proċess